MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2015

Numru. 576/2015

**PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**

**VS**

**YOUSEF KHALIFA**
**(ID Nru.: 137067A)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 576/2015**

Illum, 28 ta` Lulju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Yousef Khalifa, detentur tal-karta tal-identita` numru 137067(A).

**Akkuzat talli:**

Nhar il-hdax (11) ta` Lulju, 2015, ghal habta tal-erbgha ta` filghodu (04:00hrs) gewwa Triq il-Bajja, San Giljan:

1. Ikkommetta serq ta` *mobile phone* Samung Galaxy S6, liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu tal-ewro (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta` Marina Olmedo Calvo;
2. Akkuzat ukoll talli fil-hdax (11) ta` Lulju, 2015, ghal habta tal-hamsa u nofs ta` filghodu (05:30hrs) minn gewwa ic-Centru tas-Sahha tal-Furjana, ikkommetta harba semplici waqt li kien fil-kustodja ta` persuna/i nkarigati mill-kustodja tieghu;

3. Akkuzat ukoll talli fid-dsatax (19) ta` Lulju, 2015, ghal habta tat-tlieta u nofs ta` filghodu (03:30hrs) minn gewwa Paceville, San Giljan, ikkommetta serq ta` mobile I phone 5, liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta` Iris Petronella Cornelissen;

4. Akkuzat aktar talli fil-lejl ta` bejn il-lejl tat-tmintax (18) u dsatax (19) ta` Lulju, 2015, minn gewwa Paceville, San Giljan, ikkommetta serq ta` zewg *mobile phones* ohra (Samsung LG u Sony) liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta` persuni mhux maghrufa;

5. Akkuzat aktar talli fil-lejl ta` bejn il-lejl ta` tmintax (18) u d-dsatax (19) ta` Lulju, minn gewwa Paceville, San Giljan, xjentement laqa` ghandu hwejjeg misruqa (tlett *mobile phones* Samsung Galaxy S6, Samsung LG u Sony), mehuda b'qerq jew akwistati b'reat ta` serq;

6. Aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati Maltin preseduti mill-Magistrat Dr. Antonio J. Vella, LL.D, nhar l-erbgha (4) t'April,

kontra Yousef Khalifa, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta lill-imputat Yousef Khalifa bhala ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;
Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 267, 270, 151, 334, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi issib lill-imputat hati kif akkuzat.

Il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-agir passat tal-imputat, temmen illi piena karcerarja effettiva hija idonea.

Ghaldaqstant filwaqt li ssibu hati tikkundannah ghal sena (1) prigunerija effettiva li minnhom ghandhom jigu mnaqqas iz-zmien li huwa dam taht arrest in konnessjoni ma’ din l-akkuza.

Il-Qorti qieghda wkoll tpoggi in vigore is-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat f’sentenza sospiza mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Anthony Vella, LL.D., tal-erbgha (4) ta’ April, 2015, li hija wkoll terminu ta’ prigunerija ta’ tmintax (18) -il xahar.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------